**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Gunju 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 914/2014/3 JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 914/14 JZM fl-ismijiet :**

**Guido Fenech, detentur tal-karta tal-identita` numru 328152M, Jane Bone detentrici tal-karta tal-identita` numru 555749(M) u Maryanne Grixti detentrici tal-karta tal-identita` numru 754957(M)**

***kontra***

**Ernest detentur tal-karta tal-identita` numru 165655M u martu Bernardette detentrici tal-karta tal-identita` numru 253348M, konjugi Azzopardi**

**(Dekretat 11.07.17)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fis-<u>7 ta` Lulju 2017</u> li jaqra hekk :–

1. *Illi l-mandat fl-ismijiet premessi kien inhareg sabiex l-esponenti jinzammu milli "fl-art taghhom sitwata fi Triq il-Warda, Qrendi, jaghmlu kwalsiasi xoghol ta` thaffir f`distanza ta` inqas minn sitta u sebghin centimetru (76 cm)".*

2. *Illi bis-sahha ta` access li sar fis-6 ta` Ottubru, 2016 [B`digriet tal-Qorti tal-5/9/17 giet awtorizzata korrezzjoni u l-kelma "2016" ghandha tinbidel ghal "2014"], il-partijiet qablu li "inter alia" jittella reinforced hollow concrete brick wall, ta` l-inqas gholi ta` tliet (3) metri mill-wicc tal-blat, u dan mil-linja divizorja lejn in-naha tal-plot ta` Azzopardi. **<u>Tali linja tigi stabbilita mis-surveyor Vince Camilleri, u dan taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri u l-Perit Carmelo Ellul</u>** (Dokument A).*

3. *Illi l-partijiet, fl-access riferenzjat, kienu rregistraw ukoll l-qbil taghhom fis-sens li "**<u>ghar-rigward tal-hajt l-iehor</u>** u li skatta r-rikors ghall-hrug tal-mandat, Fenech, Bone u Grixti jiddikjaraw ruhhom **<u>sodisfatti</u>**, bil-kostruzzjoni kif inhi llum".*

4. *Illi sussegwentement gie miksub minn Fenech, Bone u Grixti il-hrig ta` Mandat ta` Inibizzjoni (numru 1794/14 MCH) fil-konfront ta` l-esponenti in bazi ghall-allegazzjoni li l-istess esponenti "bl-izvilupp taghhom **<u>uzurpaw art</u>** propjeta` tar-rikorrenti".*

*Tali allegazzjoni giet defenittivament indagata u deciza kif jidher skond is-sentenza moghtija fit-**<u>8 ta` Frar, 2017 (Rikors Guramentat numru 1081/14 LM)</u>**, li minnha ma sar l-ebda appell (Dokument B).*

5. *Illi aktar u aktar ladarba giet deciza b`mod definittiv il-vertenza li rrizultat bejn il-partijiet dwar jekk sehhitx o meno **<u>uzurpazzjoni ta` propjeta`</u>** da parti ta` l-esponenti, Fenech, Bone u Grixti ntalbu jikkoperaw biex skont dejjem il-ftehim verbalizzat fl-**<u>access gudizzjarju</u>** tas-6 ta` Ottubru, 2014 is-**<u>surveyor Vince Camilleri</u>** jkun jista` jistabilixxi l-**<u>linja</u>** taht is-sorveljanza tal-Periti **<u>Valerio Schembri</u>** u **<u>Carmel Ellul</u>**.*

*Il-Perit Carmel Ellul kien diga` ghamel l-isforz relattiv, u mbaghad kellha tintbaghat ittra legali, datata d-19 ta` Mejju, 2017. Ghal dawn l-isforzi Fenech, Bone u Grixti* ***ma rrejagixxewx****, hlief ghall-fatt illi wara skambju iehor li permezz tieghu l-imsemmi Vince Camilleri gharraf li kien ser jaghmel is-survey rikjest fl-14 ta` Gunju, 2017, il-Perit Valerio Schembri ghogbu jirreplika b`mod li bhallikieku ftehim raggunt bejn il-partijiet li* ***jorbot*** *billi verbalizzat* ***quddiem il-Qorti*** *(u jorbot* ***anke lill-Perit Schembri*** *ghaliex kien prezenti fl-access li sar),* ***seta` ma sar xejn****. Ma jistax ma jigrix rilevat illi tali agir ikkawza u qed ikompli jikkawza* ***danni sinifikanti*** *lill-esponenti, ghaliex minkejja kull tentattiv ta` rieda tajba u minkejja kif gie spjegat il-kelma vinkolanti moghtija quddiem il-Qorti l-esponenti spiccaw jingiebu f`qaghda patetika li* ***ma jistghux jizviluppaw hwejjighom****, bis-sahha ta` abbuz car tal-process gudizjarju (Dokument C).*

*L-esponenti jghidu bir-rispett illi hawnhekk jidher bl-aktar mod car li s-sinjuri Fenech, Bone u grixti assistiti mill-Perit Valerio Schembri, ma jhossu l-ebda rimors biex ghall-iskopijiet taghhom ta` xorta vendikattiva jwarrbu min-nofs* ***l-awtorita` ta` din il-Qorti****; u ghalhekk jitolbu umilment illi din il-Qorti tiddikjarahom hatja ta`* ***disprezz*** *lejha u taghti l-provvedimenti kollha xierqa sabiex jitwettaq il-ftehim li kif gie spjegat ma sarx privatament izda* ***taht l-awtorita` taghha****.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta pprezentata fil-31 ta` Lulju 2017 li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok assolutament mhux minnu illi r-rikorrenti b`xi mod kienu ta` ostakolu sabiex jidhol fis-sehh il-ftehim milhuq ma` l-intimati, waqt l-access datat* ***is-sitta (6) ta` Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), (u mhux kif erronjament indikat minn l-intimati fir-rikors taghhom, tas-sena elfejn u sittax (2016)*** *u liema ftehim kien integrat f`verbal ta` din l-Onorabbli Qorti stess;*

**2.** *Illi fil-fatt jinghad bla tlaqliq illi kienu l-istess intimati, illi hlief ghal dawn l-ahhar xaharejn, meta l-kawza mertu tal-proceduri odjerni kienet ga differita ghas-sentenza, li* ***qatt urew xi tip ta` interess sabiex il-ftehim milhuq quddiem din l-Onorabbli Qorti jidhol fis-sehh****;*

*3. Illi l-intimati, se mai, huma hatja ta` disprezz huma stess stante illi ma hadu l-ebda passi, hlief issa ricentament, sabiex il-ftehim jigi attwat, u dan sa minn Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014);*

*4. **<u>Illi in oltre, huwa legalment ikoncepibbli illi r-rikorrenti jinstabu hatja ta` disprezz, meta kemm l-madat, u kif ukoll ir-rikors ta` disprezz li ta lok ghad-Digriet ta` Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), gie ntavolat minnhom stess</u>**;*

*5. Illi jigi sottomess ulterjorment illi kien principarjament fl-interess tar-rikorrenti atturi stess illi dan il-ftehim jidhol fis-sehh, u ghalhekk qatt ma setghu ikunu huma stess, jew il-perit taghhom illi joholqu xi ostakoli, u dan peress illi kieku dan il-ftehim gie attwat, il-mertu tal-kawza li ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, u li tinsab differita ghas-sentenza, kien ikun ezawrit u ghalhekk ma kienx il-bzonn illi jkomplu bil-kawza, b`iktar spejjez ghalihom;*

*6. Illi tant hu hekk, illi fil-fatt, fin-nota ta` sottomissjonijiet li l-atturi stess prezentaw in atti fil-kawza (fl-istess ismijiet premessi), li giet intavolata propju in segwitu tal-Mandat Odjern, (liema nota qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A") huma ghamluha cara illi li kieku dahal fis-sehh il-ftehim raggunt quddiem din l-Onorabbli Qorti, l-mertu ta` dik il-kawza kien jigi ezawrit;*

*7. **<u>Illi ghalhekk, il-kawza li issa ghaddiet ingudikat, u li fuqha donnhom qed jittentaw isejsu t-talba taghhom l-intimati, ma ghandha l-ebda relevanza ghal mertu tal-mandat odjern, u fil-fatt dik il-kawza kienet titratta l-mertu ta` hajt iehor li pero` jinsab fl-istess ghalqa mertu ta` dawn il-proceduri</u>**;*

*8. Illi tajjeb jingieb a konjizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti l-fatt, illi l-Perit Valerio Schembri, qatt ma kien ta` assistenza sabiex b`xi mod ma jintlahaqx ftehim, u dan kif evidenzjat mill-korrispondenza skambjata ma` l-istess surveyor, fejn il-Perit sempliciment idderiga lil istess surveyor sabiex ikellem lil konsulenti legali tal-partijiet;*

*9. Illi in oltre, l-Perit Valerio Schembri bghat e-mail, ghax l-intimata Bernardette Azzopardi kellha l-wicc taghmel kuntatt mieghu, meta hija kienet taf li dan il-Perit tal-Kontro-parti, biex tghidlu sabiex ma javzax lir-rikorrenti li s-surveyor qed jipproponi access (kopja ta` l-e-mail hawn annessa u mmarkata bhala "Dok B");*

***10. Illi r-rikorrenti ma ghandhom ebda diffikulta illi l-ftehim inkorporat fid-Digriet surreferit jidhol fis-sehh, pero jhossu wkoll illi f`dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, (u cioe meta l-kawza hija differita ghas-sentenza, u ilha hekk differita sa minn Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), dan se jkun ta` pregudizzju ghalihom peress illi se jkunu lahqu batew l-ispejjez tal-process kollu;***

***Tant ghandhom l-unur x`jissotomettu r-rikorrenti a savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.***

Rat id-dokument li kien esebit mar-risposta.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors ta` dan il-procediment.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet.

Rat illi procediment thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Provi

Kien prezentat bhala prova rapport tal-**Perit Mario Cassar** li kien inkarikat mir-rikorrenti konjugi Azzopardi.

In succinct, il-Perit Cassar ighid hekk :–

i) Illi Azzopardi bdew bix-xogholijiet ta` kostruzzjoni.

ii) Illi Fenech et m`ghandhom ebda hajt divizorju.

iii) Illi l-livell tal-proprjeta` ta` Azzopardi huwa ghola minn dak ta` Fenech et.

iv) Illi Azzopardi ma ghamlu l-ebda skavar minn mal-hajt divizorju u dan ghaliex a) il-livell tal-proprjeta` taghhom ghandu livell li jvarja bejn metru sa 7.4 metru `1l fuq minn dak ta` Fenech et ; b) il-proprjeta` ta` Fenech

et tikkonsisti minn ghelieqi, u ghalhekk qatt ma seta` jsir skavar minn mal-hitan divizorji.

Ghalhekk skont il-Perit Cassar, Azzopardi qatt ma setghu kisru xi kondizzjoni mposta mill-Qorti.

Ghar-rigward ta` dak li kien miftiehem bejn il-partijiet waqt l-access tas-6 ta` Ottobru 2014, ighid : a) illi l-hajt inbena; b) illi l-hamrija giet ripristinata ghal-livell li kienet qabel ; c) illi ma sar l-ebda tqattiegh ghaliex ma hemm l-ebda hajt divizorju ; u d) il-mandat ta` inibizzjoni 914/2014 jirreferi ghall-hajt li mhuwiex l-istess wiehed li jaghmel referenza ghalih Fenech et.

Meta xehed *viva voce*, **Perit Mario Cassar** kien mistoqsi mill-Qorti jekk meta mar fuq l-post rax il-linja li kienet saret mis-surveyor Vincent Camilleri. Ikkonferma li ra s-sinjal. Mistoqsi x`utilita kien hemm li tigi stabbilita dik l-linja, wiegeb li sar hekk sabiex Fenech iserrhu mohhom li l-bini li kien qed isir kien fil-fatt qed isir fl-art ta` Azzopardi. Mistoqsi jekk setax jikkonkludi li Azzopardi kien qed jibni tajjeb, wiegeb illi Azzopardi kien qed jibni tajjeb tant li meta nizzel linja vertikali mal-punt li mmarka s-surveyor irrizulta li Azzopardi rtira sitt pulzieri fl-art tieghu sabiex zgur ma jkunx hemm problemi.

**Perit Carmel Ellul** xehed illi l-laqgha li fiha kellha tigi stabbilita l-linja saret Novembru 2017. Kienu prezenti hu, Perit Valerio Schembri, is-surveyor Vincent Camilleri u Guido Fenech. Kienet stabbilita l-linja, saru l-marki, u kien miftiehem li jerga` jiltaqghu, wara li jkun iffurmat il-pedament u jsir il-hajt. Meta rega` ltaqghu, il-pedament tal-hajt ta` Azzopardi kien kollu lest u kien hemm kwazi 80% tal-hajt mibni. Dakinhar Fenech beda jghajjat maghhom ghaliex haseb li l-hajt ma kienx imtella` skont kif kien miftiehem fil-verbal tal-qorti. Mistoqsi mill-Qorti jekk mil-linja li kien ghamel s-surveyor sal-post fejn kien qed jinbena il-pedament kienx fil-proprjeta` ta` Azzopardi, wiegeb illi l-pedament kien kollu fl-art ta` Azzopardi, anzi kien irtirat iktar `il gewwa.

**Fil-kontroezami**, kien mistoqsi jekk l-kwistjoni li kellu Fenech kenitx li l-hajt ma kienx ittella` kif kien miftiehem fil-verbal. Wiegeb li Fenech hekk dehrlu. Pero` Fenech ma kienx korrett.

Kien prezentat bhala prova rapport tal-**Perit Valerio Schembri** li sar fit-30 ta` Novembru 2017 b`inkariku ta` Fenech, Bone u Grixti, ahwa Fenech.

Perit Schembri jghid illi l-ewwel inkariku li kellu kien illi jhejji rapport dwar xoghol ta` eskavazzjoni li kien qed isir minn Azzopardi. Wara li l-qorti marret fuq il-post fis-6 ta` Ottubru 2014 waqt it-trattazzjoni tar-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inbizzjoni, sar verbal maqbul bejn il-partijiet fl-atti tar-rikors fejn ftehmu kif kellhom isiru x-xogholijiet taht s-sorveljanza tal-periti tal-partijiet.

Ikompli jghid illi fis-6 ta` Novembru 2014 mar fuq il-post u sab li Azzopardi ma kienux qed jimxu mal-ftehim, anzi bil-bini li ghamlu hadu mill-art tat-tliet klijenti tieghu. Saret kawza li kienet deciza favur il-klijenti tieghu fejn il-qorti akkordat kumpens favur taghhom ghall-art li hadu Azzopardi.

Ikompli jghid illi meta sar access wara li beda jinbena l-hajt wara li s-surveyor kien mmarka l-linja, il-hajt divizorju ma kienx qed jinbena skont il-ftehim.

Il-konkluzjoni ta` Perit Schembri kienet :–

i) Illi l-hajt li tellghu Azzopardi ma kienx jirrispekkja l-mod ta` kostruzzjoni miftiehem fil-verbal tal-qorti ;

ii) Illi l-linja ma kenitx verifkata quddiem il-periti tal-paritjiet flimkien mas-surveyor ;

iii) Illi l-kostruzzjoni ma kenitx tirrispekkja s-sentenza 667/2014 li nghatat fis-16 ta` Ottobru 2017 ;

iv) Illi t-toqob li thallew fil-hajt divizorju ghandhom jitqiesu bhala tentattiv li jinholoq servitu ghal fuq il-proprjeta` ta` l-klijenti tieghu. Din is-servitu` tinholoq jekk l-ilma tal-art jew ippavimentar tal-garages ta` taht l-art jigu diretti lejn dawn t-toqob ;

v) Illi jekk ikompli x-xoghol minghajr ma jirrizulta li tkun giet osservata l-linja ser ikun difficli li jergghu jinhattu s-soqfa strutturali.

Daqstant ir-rapport.

Meta xehed viva voce, **Perit Schembri** stqarr illi huwa mar fuq il-post l-ahhar fit-28 ta` Novembru 2017. Rat ix-xoghol ghaddej fuq in-naha ta`

Azzopardi. Skont il-verbal tal-qorti, il-partijiet kienu ftehmu li jitqabbad Vincent Camilleri bhala surveyor sabiex jimmarka biex kellu jsir hajt identiku ghal dak li kien hemm. Minn dak z-zmien ma kienux semghu xejn mis-surveyor. Fil-frattemp kien hemm mandat ta` inibizzjoni iehor u kawza ohra dwar uzurpazzjoni ta` art tal-klijenti tieghu. Meta Vincent Camilleri avzah b`email li kien se jmur jaghmel l-linja huwa wiegbu li kellu jkellem lill-avukat.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa ma kienx ra r-rapport tal-Perit Mario Cassar. Meta mbaghad kellu l-opportunita` li jara r-rapport, stqarr illi ma ried jikkumenta dwar il-kontenut billi kien rapport ta` perit *ex parte*. Ikkonferma li mar fuq il-post qabel ir-rapport tal-Perit Cassar. Mir-ritratti li kienu esebiti mar-rapport, jidher li kienu saru aktar xogholjiet wara li mar hu fuq il-post.

**Guido Fenech** ikkonferma li l-ftehim skont il-verbal tal-qorti kien illi jmur is-surveyor Vincent Camilleri biex jaghmel il-linja, u ltaqghu fuq il-post. Imbaghad kienu tellghu erba` filati u l-Perit Ellul ghamel kuntatt mal-Perit Schembri biex imorru jivverifikaw jekk il-hajt li tela` kienx skont il-linja li ghamel Vincent Camilleri. Huma dejjem riedu li jsir dak li kien hemm miktub fil-verbal, izda fi tlett snin baqa` ma sar xejn. Meta kienet waslet biex tkun deciza l-kawza li kienet qeghda tinstema` mill-Imhallef Anna Felice Azzopardi riedu jilhqu ftehim. Azzopardi bdew bix-xogholijiet. Huma ma waqqfuhomx. Fil-fatt ix-xoghol kien ghadu ghaddej.

## III. Sottomissjonijiet

Saru sottomissjonijiet bil-fomm.

### a) Azzopardi

Jinghad illi l-presentata tar-rikors odjern kienet il-konsegwenza tal-fatt li ittra legali taghhom baqghet bla risposta.

Il-periti nkarikati mill-partijiet taw verzjoni tal-fatti ghal kollox konfliggenti.

Kull ma jridu Azzopardi huwa li jizviluppaw art ghal binthom izda kienu rinfaccjati b`ostakoli mill-parti l-ohra.

Il-ftehim li sar quddiem din il-qorti ma jistax jitqies daqs li kieku huwa xi ftehim privat ghaliex sar fi proceduri gudizzjarji u ghalih saret referenza fis-sentenza li nghatat f` Ottubru 2017.

Ir-ritratti esebiti mar-rapport tal-Perit Cassar huma prova nkonfutabbli.

**b) <u>Fenech</u>**

Trid tkun indirizzata l-ewwel il-pregudizzjali legali li tirrizulta fir-risposta.

Issir riferenza ghal dak li jghid l-Art 873(4) tal-Kap 12.

Id-disposizzjoni tolqot l-agir ta` l-persuna li kontra taghha jkun ordnat il-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni mhux kontra l-persuna li tkun talbet il-hrug tal-mandat.

Fil-kaz tal-lum, Fenech kienu li talbu l-hrug tal-mandat mhux l-oppost.

Il-verbal li sar quddiem il-qorti ghandu s-sahha ta` quasi-kuntratt u ghalhekk jorbot liz-zewg naha. Jekk parti tqis li kien hemm ksur tal-quasi-kuntratt kostitwit mill-verbal ma tistax tirrikorri ghall-Art 873(4). Azzopardi seta` jekk deherlu jmur ghall-procedura kontemplata bl-Art 1002 tal-Kap 12.

Ghar-rigward tal-mertu, jinghad li sa mill-gurnata li sar il-verbal, Azzopardi baqghu ma talbux it-twettieq tal-ftehim hlief xahar qabel kienet deciza l-kawza 667/2014. Una volta din il-kawza kienet waslet ghad-decizjoni l-ghazla taghhom kienet li jistennew is-sentenza, ghalkemm il-verbal u d-decizjoni fil-kawza 667/2014 ma kienux relatati jew dipendenti fuq xulxin, ghaliex id-decizjoni kienet tmur `l hinn mill-verbal.

Jinghad illi ma kienx ippruvat li huma ostakolaw li l-ftehim jidhol fis-sehh. Tant ma ostakolawx illi meta saret l-laqgha bejn il-periti, huma kienu prezenti wkoll. Azzopardi ghamlu l-maqlub. Minkejja li kien hemm s-

sentenza fil-kawza 667/2014 li ghaddiet in gudikat, Azzopardi baqghu nadempjenti ma` dak li kien deciz, tant li huma se jkollhom jaghmlu procedure biex jassikuraw li Azzopardi joqghodu mad-decizjoni.

## IV. <u>L-eccezzjoni preliminari u legali</u>

Sejra tqis l-ewwel il-portata legali tal-verbal in kwistjoni.

Fis-sentenza li tat fis-16 ta` Marzu 2005 fil-kawza **<u>Carmelo Farrugia vs Grezzio Farrugia et</u>** il-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk :-

*(3) Huwa maghruf ukoll illi verbal mizmum mir-Registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi-kuntratt gudizzjali* ***(Kollez. Vol. XXIX P I p 768; Vol. XXXVII P I p 99)*** *;*

*(4) Li jfisser li "il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia"* ***(Kollez. Vol. XXVI P I p 225)****. Dan fuq il- bazi tal-massima "in judiciis quasi contrahitur".*

Fil-procedura tal-lum, Azzopardi qed jitlob lill-Qorti sabiex issib lill-parti l-ohra hati ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha ghaliex ostakolat dak li kien miftiehem bejn il-partijiet skont il-verbal in kwistjoni.

Kif fissru Fenech fil-kors tas-sottomissjonijiet bil-fomm, il-pregudizzjali legali taghhom kontra l-procedura tentata minn Azzopardi hija fis-sens illi fis-sens illi Azzopardi bhala persuni li kontra taghhom kien intalab il-hrug tal-mandat m`ghandhomx rimedju skont l-Art 873(4) billi l-persuna li ghandha jedd tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjoni hija l-persuna li tkun talbet u kisbet il-hrug tal-mandat.

Testwalment l-**<u>Art 873(4) tal-Kap 12</u>** ighid :-

*Jekk jigi ppruvat permezz ta` rikors ghas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni l-persuna inibita agixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha, minghajr pregudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista` tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita.*

**Minn dak li jinghad fil-premessi ma jirrizultax illi t-talba ta` Azzopardi saret abbazi tal-Art 873(4) tal-Kap 12.**

**Li ntalab minn Azzopardi abbazi tal-premessi kienet dikjarazzjoni ta` htija ta` Fenech ghal disprezz.**

**Il-Qorti teskludi li seta` kien hemm fondament ghal talba ta` disprezz abbazi ta` l-Art 873(4_) tal-Kap 12, billi l-verbal in kwistjoni fir-realta` wassal sabiex ma titkompliex il-procedura ghall-hrug ta` mandat definittiv ta` inibizzjoni.**

**L-eccezzjoni kif dedotta qeghda ghalhekk tkun respinta.**

**V. <u>Il-procedura ta` disprezz tal-qorti</u>**

**Sorvolata l-pregudizzjali legali, il-Qorti trid tara hemmx rimedju iehor disponibbli ghar-rikorrent fil-kaz li jirrizultaw il-fatti addebitati lill-parti l-ohra bl-allegata nadempjenza taghha ghall-verbal de quo.**

**<u>L-Art 1003A tal-Kap 12</u>** ighid :-

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta` dan it-Titolu, f`kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*

Issir referenza ghas-sentenza ta` din Qorti diversament presjeduta moghtija fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza **<u>Registratur tal-Qrati Superjuri vs Adrian Grima pro et noe</u>** fejn inghad hekk :–

*"Il-procediment tad-disprezz m`huwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b`idejh u b`ghemilu (jew bl-omissjoni tieghu, skond il-kaz) ksur ta` ordni moghtija lilu. L-attur f`din il-kawza (u bil-procedura illi tfasslet ghal dan il-ghan fl-1995) qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur m`ghandu x`jirbah xejn b`tali proceduri ghajr li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja ;*

*Fil-kaz ta` allegat ksur ta` ordni moghti fil-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni, wiehed isib dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid x`ghamla ta` sanzjoni jwassal mieghu l-ksur ta` ordni bhal dik. Izda dik is-sanzjoni taghti rimedju lill-parti li favur taghha jkun inhareg il-Mandat, u ghalhekk kull allegat ksur ta` dik l-ordni taghti lok ukoll ghat-tmexxija `l quddiem ta` proceduri kif mahsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12. Min-naha l-ohra, mal-medda tas-snin il-Qrati taghna stabilew minghajr tlaqlieq ta` xejn li min jinsab hati ta` ksur ta` ordni ta` Qorti moghti f`mandat ta` inibizzjoni jsir hati ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha ukoll jekk ikun hekk agixxa ghal raguni li wiehed jista` jissimpatizza maghha jew fuq il-fehma li kellu xi jedd jagixxi kif agixxa. Dan il-principju jibqa` japplika wkoll fejn, wara, jirrizulta li l-mandat ta` inibizzjoni nnifsu jkun milqut minn difett li jaghmlu ma jiswiex, u sakemm tali mandat ma jkunx gie mhassar ;*

*M`hemmx dubju li l-procediment ta` disprezz huwa wiehed ta` natura penali, ukoll jekk jiehdu s-sura ta` proceduri civili. Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skond il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f`dak kollu li jista` jitqies ta` natura penali. Ghalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti jitwessa` b`analogija, tixbieh jew tehid minn min ikun ta` inizzjativa li ma hix moghtija lilu mil-ligi. Kien minhabba f`hekk li l-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995 stabilew min ghandu jedd jibda tali proceduri u f`liema cirkostanza, wara zmien twil fejn kien dibattut f`ghadd ta` sentenzi l-problema tal-agent legittimu ta` proceduri bhal dawn ;*

*Il-ligi tfisser min ghandu jibda proceduri ta` disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F`dak l-artikolu persuna wahda ghandha din is-setgha u dik il-persuna m`hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet taghha. Dik il-persuna wahdanija moghtija s-setgha li tibda tali proceduri u li titqies bhala attur fihom hija r-Registratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li thoss li sar kontra taghha ghamil li jista` jitqies bhala wiehed li jikkwalifika bhala disprezz lejn il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur biex jibda l-proceduri mehtiega"*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **<u>Maria Baldacchino vs Edwin Pace</u>** inghad :–

*"Hekk fil-prezent l-Artikolu 1003A testwalment jiddisponi illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` dan it-titolu f` kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir- Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il- procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*

*Jinghad a propositu fis-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru et**", Appell, 28 ta` Frar 1997 illi "l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill- Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu*

*ta` natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq minn jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill- kontendenti.";*

*Ghalhekk f`dawn l-proceduri l-parti leza kellha tkun l-Qorti u mhux wahda mill-partijiet. "Dan qed jigi sottolinejat biex tigi precizata n-natura ta` l-azzjoni taht ezami li kienet timporta l-apprezzament, da parti tal-Qorti, tac-cirkostanzi li fihom l-ordni taghha tkun giet volutament sfidata . . . Tali apprezzament kien jispetta lill-Qorti oltreggjata u kien biss eccezzjonalment li din il-Qorti, u wisq anqas xi parti in kawza, setghu jissindikawh u jiddisturbawh . . . Kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit minn bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita` tal-Qorti, imma wkoll il-gravita` ta` tali oltragg." – "**Concetta Dimech –vs- Joseph Bonnici**", Appell, 9 ta` Frar 2001"*

**Eskluza l-applikazzjoni tal-Art 873(4) tal-Kap 12, ladarba l-hsieb dikjarat ta` Azzopardi kienet dikjarazzjoni ta` htija ta` Fenech ghal disprezz, il-procedura adottata minn Azzopardi ma kellhiex tkun dik tal-lum.**

**Huwa evidenti mill-mod kif saret it-talba, fl-isfond tal-premessi u tal-provi li tressqu, illi Azzopardi qieghed jitlob illi fil-procediment odjern tkun din il-Qorti li taghmel dikjarazzjoni ta` htija ghal disprezz ta` Fenech.**

**Pero` mhux din hija l-procedura korretta kontemplata mil-ligi stess fl-Art 1003A tal-Kap 12.**

**Hija l-fehma konsiderata taghha li l-procediment kif intavolat minn Azzopardi huwa rritu u null, kwistjoni din ta` ordni pubbliku, sollevabbli anke mill-qorti stess *ex officio*.**

Infatti fid-decizjoni **<u>Maria Baldacchino vs Edwin Pace</u>** kompla jinghad :-

*"Din l-inosservanza twassal ghan-nullita u ghall-irritwalita tar-rikors. Din "il-procedura hi ligi ta` ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b` ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi*

*rinunzjata mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex officio. Fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna dejjem giet dikjarata n-nullita` kull meta procedura li kellha ssir fil-forma ta` certu att gudizzjarju giet istitwita` b` forma ta` att gudizzjarju divers." -* ***Markiz Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace et*** *– App Civ – 15 ta` Ottobru 1965."*

**Li kellu jaghmel Azzopardi skont l-Art 1003A tal-Kap 12 ma kellux ikun li jitlob lill-Qorti sabiex taghmel dikjarazzjoni ta` htija ghal disprezz fil-procediment tal-lum, izda li jitlob lill-Qorti sabiex abbazi tal-provi li kien se jressaq, sal-livell ta`** ***prima facie,*** **jitlob lill-Qorti sabiex taghti ordni lir-Registratur tal-Qorti abbazi tal-Art 1003A tal-Kap 12.**

**In vista ta` l-posizzjoni li qeghda tiehu l-Qorti mhuwiex il-kaz li tidhol fil-mertu tal-provi li tressqu fil-kors ta` dan il-procediment.**

**Qabel ma taghti l-provvediment taghha, il-Qorti qeghda tistieden lill-partijiet sabiex jaghmlu kull sforz, bl-ghajnuna ta` l-konsulenti legali u teknici taghhom, biex bis-serjeta` jistradaw d-divergenzi ta` bejniethom minghajr ma jkollhom ghalfejn jirrikorru ghall-qrati. Is-sentenza Rik. Gur. Nru. 667/2014 AF fl-ismijiet : <u>Guido Fenech et vs Ernest Azzopardi et</u> : deciza fis-16 ta` Ottubru 2017 : li ghaddiet in gudikat : ghamlet taghha l-ftehim li kien sar fis-16 ta` Ottobru 2014 quddiem din il-Qorti, u ghalhekk is-sitwazzjoni bejn li-partijiet ghandha titqies bhala definita.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti** ***ex officio*** **qeghda tiddikjara r-rikors odjern bhala rritu u null, spejjez ghal Ernest u Bernadette konjugi Azzopardi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**